MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Numru 431/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**KEVIN GATT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kevin Gatt, ta' 24 sena, iben Anthony u Carmela mitwielda Ellul, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Jannar 1980, u li joqghod, Flat 4, Triq il-Barklor, Ghaxaq u li ghandu l-karta tal-identita bin-numru 139980(M) gie akkuzat:

Talli nhar it-30 ta’ Mejju 2004 ghal habta tad-9.30 pm f’Hal Tarxien, dolozament bil-hsieb li joqtol lil Vincent Spiteri minn Hal-Tarxien jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghal-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi spara tir t’arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ l-imsemmi Vincent Spiteri, Ivan Spiteri u Grazziella Bezzina ilkoll minn Hal-Tarxien;

Ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u cioe’ pistola semi-awtomatica ta’ ghamla mhux maghrufa, u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr l-istess arma li hija arma regolari kif ukoll munizzjon minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi spara arma tan-nar f’post abitat, ghaldaqstant f’distanza ta’ anqas minn mitejn metru minn post abitat b’periklu ghal minn seta’ kien ghaddej;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin, cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu armi tan-nar u munizzjon;

Aktar talli nhar it-30 ta’ Mejju 2004 ghal habta tad-9.30 pm hedded serjament bil-mewt lil Vincent Spiteri billi ppuntalu l-arma tan-nar ma’ rasu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fil-vettura ta’ ghamla Mercedes C220, bin-numru ta’ registrazzjoni NTN-220 liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltija (LM50) izda ma teccedix hames mitt lira Maltija (LM500), saret ghad-dannu ta’ l-imsemmi Vincent Spiteri;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b'sewqan eccessiv u b'manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat, glied u storbju ta' xorta ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti li jikkonsisti f'dagha;

Kif ukoll talli hebb kontra il-persuna ta' Vincent Spiteri, Ivan Spiteri u Graziella Bezzina lkoll minn Hal Tarxien, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

Talli fit-30 ta' Mejju, 2004, f'xi hin filghaxija f'Hal Tarxien u f'lokalitajiet ohra f'dawn il-gzejjer, saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura ta' ghamla Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni IBC-276 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

U aktar talli f'Malta, nhar il-30 ta' Mejju 2004 u matul ix-xhur ta' qabel, meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, biex jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhom jinzammu taht idejn il-Pulizija, jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna is-sospensjoni ta' kull licenza tas-sewqan tal-imsemmi Kevin Gatt ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Kevin Gatt b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht

penali ta' flus skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahhar nett akkuzat talli sar recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 18 ta' Novembru 1998 u 4 ta' Marzu 2004, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-4 ta' Jannar, 2005 inseriti a fol. 125 tal-atti processwali.

Innutat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli u Dr Joseph Giglio ghall-imputat iddikjaraw li qeghdin jaqblu li nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, l-Avukat Generali irrinunzja ghal din l-akkuza kif dedotta u dan billi baghat is-segwenti artikoli u cioe':
214, 215, 216, 217 u 218.

Iddikjaraw ukoll illi rigward dawn l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nkwantu ghall-ewwel akkuza, jaqblu illi l-uniku artikolu applikabbli rigward din l-ewwel akkuza hu l-artikolu 214 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandu jkun abbinat mal-artikolu 221(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat ma sarx b'arma tan-nar.

Iddikjaraw li jaqblu ukoll li, u dan rigward l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza abbinati, u rigward is-sitt akkuza u l-hdax-il akkuza, dawn l-akkuzi gew rinunzjati mill-parte civile kollha fil-konfront tal-imputat.

L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli u Dr Joseph Giglio ghall-imputat inoltre ddikjaraw li nkwantu ghas-seba' akkuza, mill-provi prodotti juru li effettivament l-ammont ta' hsara volontarja ma teccedix is-somma ta'

Lm50 u li stante r-rinunzja tal-parte civile Vincent Spiteri ghall-azzjoni kriminali kull fejn hu rinunzjabbli, din l-akkuza hemm Procediment Ezawrit fil-konfront taghha.

Inkwantu ghat-tmin akkuza u ghat-tnax-il akkuza, jaqblu li effettivament il-persuna li kienet qed issuq il-vettura Mazda 323 Reg. No. IBC 276 ma kienx l-imputat izda kien Stephen Young u ghaldaqstant qablu li l-imsemmija zewg akkuzi ma jirrizultawx fil-konfront tal-imputat.

Iddikjaraw ukoll li jaqblu li nkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna is-sospensjoni ta' kull licenza tas-sewqan tal-imsemmi Kevin Gatt ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, dina ma tapplikax stante li l-akkuzi li jirrigwardaw din it-talba ma jirrizultawx.

Inoltre ddikjaraw illi l-akkuza dwar ir-ricediva ma tirrizultax u dan fid-dawl tal-fedina penali esebita minn fol. 12 sa fol. 13 tal-Process.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li qieghed jammetti it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza u it-tlettax-il akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu rega' wiegeb li hu hati tat-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza u it-tlettax-il akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 3, 9, 19, 26 u 27 tal-Kap. 66, l-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kap. 33 u 338(dd), 338(bb), 17(b)(c ), 20, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost:
Issib lill-imputat Kevin Gatt, fuq ammissjoni, hati tat-tielet akkuza, ir-raba' akkuza, il-hames akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza u t-tlettax-il akkuza migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Kevin Gatt ghall-piena komplessiva ta' sittax-il (16) xahar prigunerija u mitejn Liri Maltin (Lm200) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Kevin Gatt jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghall-ewwel akkuza u it-tieni akkuzi abbinati u rigward is-sitt akkuza, is-seba' akkuza u il-hdax-il akkuza migjuba kontra l-imputat, tiddikjara Procediment Ezawrit stante rinunzja.

Inkwantu ghat-tmin akkuza u it-tnax-il akkuza, kif ukoll l-ahhar akkuza li tirrigwarda ir-recidiva, tillibera lill-imputat Kevin Gatt minn dawn l-akkuzi stante dawn l-imsemmija l-akkuzi ma jirrizultawx.

Inoltre inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna is-sospensjoni ta' kull licenza tas-sewqan tal-imsemmi Kevin Gatt ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza stante dina it-talba ma tapplikax peress li l-akkuzi li jirrigwardaw din it-talba ma jirrizultawx.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Kevin Gatt sabiex ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tlett mija u erbghin Liri Maltin u sebghin centezmi (Lm340.70c) rappresentanti spejjez inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti li jirrigwardaw dan il-kaz.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Kevin Gatt b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok CF2, Dok CF1, Dok TC1, Dok CF5 u Dok CF3.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kevin Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------